MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2811/2002

**Medicaid Limited**
**vs**
**Martin Mifsud**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma Lm325 (tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi u kura medika provdut lill-konvenut fuq ordnijiet tieghu stess. Il-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas ghas-servizzi fuq imsemmija u xorta baqgha inadempjenti. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-interpellanza sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqgha kontumaci;

Sema' lill-Avv James Bannister bil-gurament li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm325 (tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin) dovuti ghal servizzi medici.

Bl-ispejjes u l-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------